# SANCTA CATHARINA, ZURRICANORUM PATRONA



*Edizzjoni Nru. 7*
*Frar - Marzu - April 2006*

GAZZETTA MAĦRUĠA MIS-SOĊJETÀ MUŻIKALI SANTA KATARINA V.M.,
PALAZZ ALEXANDRIA, 37, MISRAĦ REPUBBLIKA, ŻURRIEQ.
TEL. 21647826 - 21640354 - www.stcatherineband.org.mt


## IL-KELMA TAL-PRESIDENT - *Is-Sur Anthony Bonniċi*



Il-President tas-Soċjetà flimkien mal-Pellegrini l-oħra ġewwa l-Eġittu

### Memorji sbieħ taċ-Ċentinarju

Il-memorji sbieħ f'qalb dawk l-ixxurtjati li għixu s-sena ċentinarja żgur li ma jmutu qatt.

L-istennija għas-sena ċentinarja kienet kbira u kompliet tikber matul is-snin ta' tħejjija u wisq aktar fl-aħħar xhur qabel il-ftuħ uffiċjali, nhar il-25 ta' Novembru 2004. Għalkemm is-sena ċentinarja kienet impenjattiva ħafna u ħallietna mingħajr nifs, nistgħu ngħidu li din għaddiet bħal leħħa ta' berqa, iżda ħallietna nfawwru bl-entużjażmu li wrejna, bil-ħidma li wettaqna u bil-ferħ u s-sodisfazzjon li ħassejna. Jiena nemmen bil-qawwa kollha li permezz ta dan iċ-ċentinarju Santa Katarina reġgħet kienet strument importanti sabiex ħafna nies resqu lejn il-Mulej. Dan il-ferħ speċjali taċ-Ċentinarju mela wkoll ruħna bi mħabba ġdida li tmexxina għal futur sabiħ li jagħmilna nsara denji.

Kull mument li għixna u kull pass li għamilna flimkien fis-sena ċentinarja inkiteb ġewwa fina b'ittri tad-deheb. Ma nistax noqgħod insemmi dawn il-mumenti għax huma ħafna u kollha sbieħ, iżda bilfors irrid insemmi l-għeluq. Żgur li jibqa mnaqqax ġewwa fija l-pellegrinaġġ devozzjonali bl-istatwa artistika tal-maħbuba Patruna tagħna Santa Katarina. Iva mxejna flimkien f'baħar ta' nies li ż-Żurrieq qatt ma kien ra qabel. Imxejna b'devozzjoni liema bħala. Tlabna, kantajna, fraħna u fuq kollox tajna qima lil Alla permezz tal-qaddisa tiegħu Santa Katarina. Kien mod mill-aqwa kif espremejna l-imħabba kbira tagħna lkoll lejn Santa Katarina fi tmiem iċ-Ċentinarju li fakkar l-1700 sena mill-mewt u l-glorifikazzjoni tagħha.

Għalija personali u għal grupp ta' madwar 90 ruħ li morna l-Eġittu, nistgħu ngħidu li ċ-Ċentinarju, ma spiċċax nhar il-25 ta' Novembru, iżda baqa' sejjer sat-8 ta' Diċembru 2005 meta kellna x-xorti li nieħdu sehem fil-festa ta' Santa Katarina fil-Monasteru ddedikat lill-Qaddisa Patruna tagħna ġewwa s-Sinai. Wara li għal ħafna snin smajt u qrajt ħafna fuq dan il-monasteru, irnexxieli mmur f'dan il-post majestuż fis-sena taċ-ċentinarju. Kemm f'lejlet u anke f'jum il-festa assistejna għal funzjoni twila u għalkemm din issir bil-lingwa Griega u domna bil-wieqfa għal madwar tliet siegħat kull darba, ma stajtx ninqala' minn dan it-tempju. Kellna x-xorti li nassistu għar-ripożizzjoni tar-relikwi ta' Santa Katarina u mmisuhom kif kien għamel il-Papa Ġwanni Pawlu II meta żar dan il-post. Dawn kienu ftit mill-mumenti memorabbli ta' dan il-pellegrinaġġ devozzjonali. Is-Sinai huwa post li jsaħħar lil kull min iżuru u nistqarr li l-emozzjoni li ħassejt meta kont daqshekk qrib il-fdalijiet qaddisa ta' Santa Katarina u dawk il-postijiet fejn għixet u ġiet igglorifikata kienet waħda speċjali. Inħoss li qalbi kompliet timtela' bid-devozzjoni kbira li dejjem ħassejt lejn il-Qaddisa Patruna tagħna.

Santa Katarina nirringrazzjawk tal-grazzji kollha li qlajtilna matul ħajjitna u nitolbuk sabiex tkompli tbierek lil uliedek Żrieraq kollha u li dejjem tkun id-dawl li jurina t-triq li twassalna għand il-Mulej.



**Ikona tas-17-il Seklu li turi l-Ħajja u l-Martirju ta' Santa Katarina, li tinsab fil-monasteru tagħha ġewwa s-Sinai**




## BORD EDITORJALI:

| | |
|---|---|
| Darmanin Lorna | Editriċi |
| Sammut Anna Maria | Assistenta Editriċi |
| Camilleri Moses | Kaxxier |
| Farrugia Emanuel | P.R.O. |
| Cassar Mark | Website Designer |
| Farrugia Catherine | Reppreżentanta Sezzjoni Nisa |
| Darmanin Joey | Rappreżentant Sezzjoni Armar |
| Farrugia Richard | Rappreżentant Kummissjoni Banda |
| Schembri Kevin | Rappreżentant Sezzjoni Żgħażagħ |
| Zammit Oliver Mario | Rappreżentant Sezzjoni Nar |


# EDITORJAL

Għeżież membri u qarrejja,

Bdiet sena ġdida u magħha bdew ukoll impenji kbar bħala preparazzjoni għall-festa 2006. Kif forsi tafu, kien hemm xi tibdil fil-kumitati fi ħdan is-Soċjetà tagħna, u fosthom kellna lis-Sinjura Anna Camilleri li nħatret Chairperson tas-Sezzjoni Nisa. Jiena flimkien mal-Bord Editorjali kollu nifirħilha u nawguralha ħidma fejjieda, kif ukoll nirringrazzjaha minn qalbi tas-sehem utli li tat f'dan il-bord tul l-ewwel sitt edizzjonijiet ta' din il-gazzetta. Nilqgħu fostna wkoll lis-Sinjura Catherine Farrugia u lis-Sur Oliver Zammit li se jagħtuna daqqa t'id fl-edizzjonijiet li ġejjin, u nirringrazzjawhom bil-quddiem. Nixtieq nirringrazzja wkoll lis-Sur Jeremy Cachia u lis-Sur Karmenu Zerafa tal-informazzjoni utli li jgħadduli f'kull edizzjoni tal-gazzetta, għalkemm m'humiex membri tal-bord editorjali. Grazzi speċjali wkoll għal dawk kollha li jipprovduli artikli għal fuq il-gazzetta.

Kull min ikollu bżonn xi kopji tal-gazzetta, kif ukoll kull min jixtieq jirreklama fil-gazzetta, jikkuntattjana minnufih. Komplu ndirizzaw l-ittri tagħkom hekk: **L-Editur, Sancta Catharina, Zurricanorum Patrona, Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M., Palazz Alexandria, 37, Misraħ Repubblika, Żurrieq.**

Filwaqt li nixteqilkom sena mimlija risq, nibgħat inselli għalikom u nirringrazzjakom ta' l-appoġġ.

**Lorna Darmanin - Editriċi.**

## AVVENIMENTI MPORTANTI – miġbura minn Jeremy Cachia

Wara li s-sena l-oħra ċċelebrajna bil-kbir is-17-il ċentinarju mill-martirju u l-glorja tal-Patruna tagħna Santa Kararina V.M., din is-sena 2006, għas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina V.M. dawn id-dati jibqgħu immarkati b'ittri tad-deheb.

Is-16 ta' Marzu jaħbat l-20 sena mill-inawgurazzjoni tal-post tas-St.Catherine Fireworks Factory' li jinsab fil-limiti ta' Bubaqra. L-Arċipriet Kan. Dun Anton Vella kien bierek u poġġa lil Santa Katarina V.M. protettriċi wkoll fuq dan il-post tan-Nar, fil-preżenza tal-membri tal-kumitat u diversi membri tas-Soċjetà. Irħama kommemorattiva twaħħlet mal-ħajt tal-post biex tibqa' bħala tifkira. Id-dilettanti tan-nar tas-Soċjetà, taħt is-superviżjoni tal-Licencee Vincent Falzon, jaħdmu bla hedu matul is-sena kollha sabiex fil-ġranet tal-Festa Titulari ngawdu minn spettaklu kbirt tan-Nar (1986-2006)

Fit-2 t'April jaħbat l-ewwel anniversarju mill-mewt tal-mibki Papa Ġwanni Pawlu II, Papa li żgur nibqgħu ngħożżu l-memorja tiegħu għal dejjem fil-qalb tagħna ż-Żrieraq, b'mod speċjali għall-imħabba kbira li wera lejn Santa Katarina VM il-Patruna tagħna Żrieraq (2005-2006). Is-sena l-oħra żanżanna pedestal monumentali li jfakkar ir-rabta sabiħa li l-Qdusija Tiegħu kellu ma' Santa Katarina V.M.

Il-15 ta' Ġunju – l-40 Anniversarju mit-tberik tal-kuruna l-ġdida tad-deheb għall-istatwa titulari ta' Santa Katarina VM (1966-2006) *

Fis-26 t'Awissu – il-50 Anniversarju mill-inawgurazzjoni ta' l-ewwel planċier artistiku fiż-Żurrieq (1956-2006) *

Fl-4 ta' Settembu – l-20 Anniversarju mill-ħatra ta' Mro. Francis Falzon L.(Mus.)L.C.M., L.R.S.M. bħala Direttur tal-Banda Santa Katarina VM (1986-2006) *

Il-5 u 6 ta' Settembru – il-25 sena mill-miġja tal-Kardinal Mario Luigi Ciappi O.P. fiż-Żurrieq, fil-festa titulari ta' Santa Katarina V.M. (1981-2006) *

L-aħħar Ħadd t'Otubru – il-275 sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja Parrokjali taż-Żurrieq ad unur u glorja ta' Santa Katarina VM (1731-2006) *

* **Dettalji aktar 'il quddiem.**


Café Ranieri

Pizza - Pasta - Grill

39, Republic Street, Valletta
Tel: 21249063 - 21233223
Fax: 21241232
Mob: 9982 8833
E-mail:
ranieri@waldonet.net.mt



# Attivitajiet organizzati mill-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M. Żurrieq fit-tliet xhur li ġejjin

## *(Dettalji fis-sezzjonijiet rispettivi fil-gazzetta)*

| | | |
|---|---|---|
| 12/02/06 | 06.00p.m. | Amnesia Disco fil-Każin. |
| 21/02/06 | 09.00a.m. | Coffee morning fil-Każin. |
| 24/02/06 | | Party għat-tfal tal-Karnival fil-Każin organizzat mis-Sezzjoni Nisa. |
| 25/02/06 | Filgħaxija | Country Night fil-Każin. |
| 28/02/06 | | Ħarġa għat-tfal fejn se jmorru jaraw film. |
| 03/03/06 | 07.00p.m. | High Tea fil-Każin. |
| 04/03/06 | Filgħaxija | Ikla fil-Garden of Eden bil-parteċipazzjoni tal-grupp SO4. |
| 05/03/06 | | Sports Day fil-Kumpless San Benedittu Kirkop. |
| 09/03/06-12/03/06 | | Maratona tal-Liedna fil-Każin. |
| 19/03/06 | | Football Tournament ġewwa l-Kumpless San Benedittu Kirkop |
| 20/03/06-22/03/06 | | Eżerċizzi tar-Randan fis-Sala Espedito Deguara fil-Każin. |
| 25/03/06 | Filgħaxija | Country Night fil-Każin. |
| 26/03/06 | 06.00p.m. | Amnesia Disco fil-Każin. |
| 29/03/06 | 09.00a.m. | Coffee morning fil-Każin. |
| 29/03/06-02/04/06 | | Bazaar għall-Għid fil-maħżen il-Ġdid. |
| 09/04/06 | 10.00a.m. | Programm ta' marċi funebri fi Pjazza Repubblika. |
| 15/04/06 | Filgħaxija | Buffet breakfast wara l-quddiesa ta' Sibt il-Għid. |
| 18/04/06 | | Mawra mal-kappelli ddedikati lil Santa Katarina V.M. |
| 22/04/06 | Filgħaxija | Serata Mużiko-Letterarja fis-Sala Espedito Deguara fil-Każin. |
| 28/04/06 | 07.00p.m. | High Tea fil-Każin. |
| 29/04/06 | Filgħaxija | Country Night fil-Każin. |

## Rokna tan-Nisa

*- Catherine Farrugia*



*Is-Sezzjoni Nisa waqt il-Marċ li sar biex jakkumpanja lill-Prim Konċelebrant tal-Quddiesa Pontifikali li saret fil-25 ta' Novembru 2005*

Għeżież qarrejja, wara li għaddew il-Festi Ċentinarji b'suċċess kbir, aħna komplejna naghlqu dawn il-festi bl-okkażjonijiet tal-Milied u tas-sena l-ġdida. B'hekk niehu l-okkażjoni li nawguralkom sena mimlija ġid u saħħa. Din is-sena ħadna l-okkażjoni li flimkien mal-Banda tagħna morna nżuru l-anzjani Żrieraq li jinsabu ġewwa l-Isptar St. Vincent de Paule. F'isem is-Sezzjoni Nisa nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Emma Mallia tax-xoghol li ghamlet bħala *Chairperson* fi ħdan is-Sezzjoni Nisa u nawgura lis-Sinjura Anna Camilleri c-*Chairperson* il-ġdida. Nawguraw ukoll lis-Sinjorina Simone Delia, membru ġdid tal-Kumitat.

Dawn huma l-attivitajiet tagħna għal dawn it-tliet xhur:

- **It-Tlieta 21 ta' Frar fid-9.00am se jkollna coffee morning fil-Każin.**
- **It-Tlieta 28 ta' Frar se norganizzaw ħarġa għat-tfal fejn se noħduhom jaraw film.**
- **Il-Ġimgħa 3 ta' Marzu fis-7.00pm High Tea fil-Każin.**
- **L-Erbgħa 29 ta' Marzu fid-9.00am Coffee Morning fil-Każin.**
- **It-Tlieta 18 ta' April se jkollna ħarġa kulturali fejn se mmorru nżuru l-kappelli ddedikati lil Santa Katarina V.M. Magħna se jkun hemm Fr. John Curmi biex jagħtina xi tagħrif dwar dak li sejrin naraw, u wara mmorru nieklu xi ħaġa flimkien.**

**Id-dettalji jingħataw aktar tard.**

- **Il-Ġimgħa 28 ta' April fis-7.00pm High Tea fil-Każin.**

Inħeġġukom tattendu għall-attivitajiet kif dejjem għamiltu.

**Grazzi u Saħħa.**



# Għalikom it-Tfal - *Anna Maria*

Kif intom tfal?

Iż-żmien ġmielu għaddej u diġà għaddew kważi xahrejn mill-festi tal-Milied. Issa żgur qed tippreparaw għall-eżamijiet ta' nofs is-sena u wara l-Karnival u mill-ewwel jasal l-Għid. Iż-żmien jiġri u ma jistenna lil ħadd. Min jaf kemm affarijiet ġodda qed titgħallmu l-iskola!

Jekk tiftakru, fl-ewwel ħarġa tan-newsletter konna tkellimna dwar l-Eġittu. Illum nixtieq inkompli nagħtikom aktar informazzjoni, din id-darba dwar Lixandra, il-belt li fiha kienet tgħix Santa Katarina, il-padruna tagħna.

Il-belt ta' Lixandra hi t-tieni l-akbar belt fl-Eġittu u hija magħrufa bħala l-perla tal-Mediterran. Ħafna jgħidu li din il-belt ma tixbaħx lill-ibliet l-oħra ta' madwarha. Anzi hi differenti ħafna minn Ġerusalemm, minn Tripli u anke minn Bejrut, fil-Libanu. Għandha kultura kbira u rikka. Il-belt ta' Lixandra twaqqfet minn Alessandru l-Kbir fis-sena 331 Qabel Kristu. Il-fanal ta' Pharos hu kunsidrat bħala wieħed mis-seba' meravilji fid-dinja. Lixandra, kienet kunsidrata ukoll bħala l-belt ta' l-għorrief peress li fiha konna nsibu l-akbar librerija fid-dinja. L-istorja romantika ta' Cleopatra u Mark Antonio jingħad li seħħet f'din il-belt. Wieħed jista' jaqra din l-istorja miktuba mill-kittieb famuż William Shakespeare. L-Insara li kienu jgħixu f'Lixandra għaddew minn problemi u persekuzzjonijiet kbar, iżda kienu qawwija ħafna fil-fidi tagħhom. Biżżejjed insemmu lill-qaddisa padruna tagħna, Santa Katarina.

Maż-żmien iżda Lixandra ma baqgħetx belt importanti u meta l-Franċiżi, immexxija minn Napuljun Bonaparte, waslu fuq ix-xtajtiet ta' din il-belt, sabu biss villaġġ tas-sajjieda. Kien fid-dsatax-il seklu, li Lixandra reġgħet bdiet tikseb popolarità bħala port kummerċjali. Min iżur Lixandra għandu jara ħafna fdalijiet storiċi fosthom fdalijiet Rumani u anke Griegi.



***Il-Fanal ta' Pharos***

Għall-kompetizzjoni tal-lum se nagħtukom riċerka żgħira x'tagħmlu biex tirrispondu dawn iż-żewġ mistoqsijiet:

***1. Semmejna lil Alessandru l-Kbir. Tafu tgħidulna Alessandru x'kien? Ruman, Grieg jew Għarbi?***

***2. Il-fanal ta' Lixandra hu wieħed mis-seba' meravilji tad-dinja Tafu ssemmulna tnejn oħra?***

Ibgħatu r-risposti tagħkom fl-indirizz: Kompetizzjoni Għalikom Tfal, Palazz Alexandria, Misraħ Repubblika, Żurrieq. Ir-rebbieħa tas-sitt edizzjoni kienu Gabriel u Matthew Bonanno. Dawn se jirċievu r-rigal mingħandna.



***Alessandru l-Kbir***

## TIĠDID TAT-TESSERI TAS-SEZZJONI ŻGĦAŻAGĦ

***Min jixtieq iġedded it-tessera tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti jista' jagħmel dan billi javviċina lil xi membru tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti. Kull min iġedded il-menswalità tiegħu igawdi minn discounts mogħtija lilna minn diversi ħwienet u ditti.***

## MARATONA TAL-LIEDNA

***Minn nhar il-Ħamis 9 ta' Marzu***
***sal-Ħadd 12 ta' Marzu 2006***
***fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.***
***Is-Sibt 11 ta' Marzu 2006 se jkun***
***hemm Pasta Night u Karaoke.***

***Organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti***





**Il-Mulej sejħilhom biex jidħlu fil-Ferħ ma' Santa Katarina V.M. għal dejjem**

Il-Membru Ġużeppa Zammit 8.11.2005
Il-Membru Anthony Zahra 27.12.2005

Agħtihom O Mulej il-mistrieħ ta' dejjem.



## AVVIŻI

Kunċerti tal-Banda qed ikunu kull nhar ta' Tlieta fis-7.00pm. is-sena kollha.

## TAGĦLIM U LEZZJONIJIET TAL-BANDA

Kull nhar ta' Sibt mit-8.30am sal-11.45a.m. – Mro. Francis Falzon – Sezzjoni Injam.
Kull nhar ta' Ħamis mill-4.30pm sas-6.45pm – Mro. Mario Testa – Sezzjoni Ram

# Attivitajiet tal-Banda Santa Katarina V.M.

*- Richard Farrugia*
*Chairman Kummissjoni Banda*

Nhar il-Ħadd 9 ta' April 2006, il-Banda Santa Katarina V.M. se tagħmel programm marċi funebri fi Pjazza Repubblika fl-okkażjoni ta' Ħadd il-Palm.

## Servizzi tal-Banda Santa Katarina V.M. 2006

| | | |
|---|---|---|
| 9 ta' April | Żurrieq | Funebri (a.m.) |
| 11 ta' Ġunju | Żebbuġ | San Filep |
| 18 ta' Ġunju | Żejtun | Santa Katarina |
| 26 ta' Ġunju | Sliema | Sacro Cuor |
| 7 ta' Lulju | Kirkop | San Ġużepp |
| 9 ta' Lulju | Ħal Balzan | Lunzjata |
| 6 ta' Awissu | Birgu | San Lawrenz |
| 14 ta' Awissu | Qrendi | Santa Marija |
| 15 ta' Awissu | Qrendi | Santa Marija |
| *20 ta' Awissu* | *Żurrieq (Bubaqra)* | *Santa Marija* |
| *24 ta' Awissu* | *Żurrieq (Programm 50 Sena Planċier)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *27 ta' Awissu* | *Żurrieq (Ħruġ min-Niċċa)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *31 ta' Awissu* | *Żurrieq (Programm)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *1 ta' Settembru* | *Żurrieq (L-Aħħar Tridu)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *2 ta' Settembru* | *Żurrieq (Te Deum)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *3 ta' Settembru* | *Żurrieq (Prim Konċelebrant)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *3 ta' Settembru* | *Żurrieq (Marċ tan-Nar)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *24 ta' Settembru* | *Rabat - Id-Daħla* | *Santa Katarina* |
| *1 ta' Ottubru* | *Żurrieq* | *Rużarju* |
| *25 ta' Novembru* | *Żurrieq (Festa Liturġika)* | *Santa Katarina V.M.* |
| *25 ta' Diċembru* | *Żurrieq (Carols)* | *Milied (a.m.)* |

## AMNESIA

*Palmisti Promotions qed jorganizzaw party bl-isem ta' Amesia nhar il-Ħadd 12 ta' Frar 2006 u nhar il-Ħadd 26 ta' Marzu 2006 mis-6.00pm 'il quddiem, fil-Każin tal-Banda Santa Katarina V.M.*

## Souvenirs

*Is-Sezzjoni Żgħażagħ għandha diversi souvenirs għall-bejgħ fosthom CDs, Inbid u Flokkijiet. Jistgħu jinxtraw mill-Bar tal-Każin jew mingħand il-membri tal-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti*



## ONE DAY FOOTBALL TOURNAMENT

*Is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmisti se jorganizzaw One Day Football Tournament nhar il-Ħadd 19 ta' Marzu 2006. Aktar dettalji jingħataw 'il quddiem.*

# Sotto Kumitat tan-Nar

Għadna kemm iċċelebrajna l-festi tal-Milied u l-ewwel tas-sena u bħas-soltu nieħu l-okkażjoni biex nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd. Ftit qabel għadna kemm iċċelebrajna l-għeluq taċ-ċentinarju, u hawn nixtiequ naghtu l-prosit tagħna lil dawk kollha li kienu nvoluti fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment.

Min-naħa tas-Sotto Kumitat Dilettanti tan-Nar, komplejna fejn ħallejna s-sena l-oħra, u erġajna rripetejna l-attivitajiet tagħna, bid-differenza li l-attendenza tagħkom żdiedet mis-sena l-oħra 'l hawn, għalhekk żidna fis-suċċessi tagħna.

Dan jimliena bil-kuraġġ u jħeġġiġna nkomplu norganizzaw dawn l-attivitajiet biex niksbu l-finanzi neċessarji sabiex inkopru parti mill-ispiża fenomenali li qed ikollna ta' kull sena.

Għat-tieni sena erġajna ppubblikajna d-djarju, li fil-jiem tal-festi konna qed inqassmu lil dawk kollha li ġew fil-Każin. Grazzi lil dawk il-partitarji li għoġobhom jagħtuna donazzjoni u grazzi wkoll lil dawk kollha li rreklamaw f'dan id-djarju. Infakkru wkoll li l-"Country Nights" se jibqgħu isiru darba f'xahar fil-bar tal-Każin, b'menus varjati u b'mistednin popolari ta' din il-mużika. Għalhekk, ħudu ħsieb araw id-dati ta' l-attivitajiet fuq il-kartellun wara l-bieb tal-każin jew staqsu xi membri tas-Sotto Kumitat tan-Nar.



Rigward ix-xogħol pirotekniku, miexi b'ritmu tajjeb. Wara l-kummenti pożittivi mill-barranin mistiedna f'għeluq iċ-ċentinarju, issa jmiss il-wirja tal-festival pirotekniku li jsir fil-Port il-Kbir. Se nieħdu sehem bi ftuħ tal-beraq pront u kkulurit, kif ukoll b'murtal tal-kulur. Inħeġġukom biex tattendu f'dan il-festival biex inkomplu ngħollu l-isem tal-festa tagħna.

Nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li bdew jagħtu l-arbular tan-nar, u li jieħdu sehem fil-lotteriji li norganizzaw. Il-kolletturi qed ikunu hemm kuljum biex jilqgħu id-donazzjonijiet tagħkom. Għalhekk nappellaw biex tkunu ġenerużi magħna sabiex fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru nerġgħu naghtu dak l-ispettaklu tan-nar wisq mistenni, li jixraq lill-Patruna taż-Żrieraq kollha, Santa Katarina V.M.

# Nota Amministrattiva *mis-Sur Josef Cachia*

Wara li fi tmiem is-sena li għaddiet esperjenzajna mumenti ferm sbieħ fl-għeluq tal-Festi Ċentinarji ta' l-1700 sena mill-Martirju ta' Santa Katarina ta' Lixandra u l-Glorifikazzjoni tagħha fis-sema, is-Soċjetà kienet impenjata bl-attivitajiet għal żmien il-Milied u l-bidu ta' sena ġdida.

Għalkemm għadna fil-bidu tas-sena 2006, is-sena amministrattiva tas-Soċjetà Mużikali Santa Katarina VM issa diġà tinsab fir-raba' xahar tal-ħidma tagħha peress li kif isir kull sena, il-ħidma annwali tas-Soċjetà tibda f'Ottubru ta' kull sena.

Dan ifisser ukoll li s-Soċjetà tkun diġà ffissat il-programm annwali tagħha kemm dawk li huma attivitajiet kulturali u soċjali kif ukoll il-programm tal-Festa flimkien mas-servizzi tal-Banda Santa Katarina għas-sena 2006. Fil-fatt din is-sena l-Banda għandha żewġ servizzi ġodda fejn nhar il-Ġimgħa 7 ta' Lulju 2006 il-Banda Santa Katarina sejra ddoqq fil-Festa ta' San Ġużepp ġewwa Ħal Kirkop u kif ukoll nhar il-Ħadd 6 t'Awissu 2006 ġewwa l-Birgu għall-Festa ta' San Lawrenz. Meta wieħed iħares lejn il-baned mistiedna għall-Festa ta' Santa Katarina ukoll jara bidla żgħira f'dawk li huma baned fejn lejlet il-Festa flimkien mal-Banda Ċittadina King's Own din is-sena ġiet mistiedna il-Banda San Lawrenz tal-Birgu.

Kif wieħed jara mill-lista ta' attivitajiet li ser jiġu organizzati tul dawn it-tliet xhur, wieħed isegwi għal sena oħra l-impenn tas-sezzjonijiet kollha fi ħdan is-Soċjetà. (tkompli fil-paġna li jmiss). Ma nistax ma nagħmilx referenza wkoll għall-pjanijiet li jinsabu għaddejin f'dan il-mument sabiex il-50 Anniversarju mill-Inawgurazzjoni tal-Planċier Majestuż tas-Soċjetà jkun iċċelebrat kif jixraq. Hawn nieħu l-okkażjoni sabiex kull min għandu xi nformazzjoni jew ritratti dwar ix-xogħol u min ħadem f'dan il-planċier javviċina lil xi membru tal-Kumitat. Irrid nagħmel referenza wkoll f'din in-nota amministrattiva, li l-kampanja li saret is-sena li għaddiet biex aktar membri jingħaqdu mas-Soċjetà tagħna kienet suċċess fejn kien hemm 92 membri ġodda li ingħaqdu mas-Soċjetà flimkien ma' 5 bandisti li għalhekk in-numru sabiħ ta' membri għas-sena 2005 kien ta' 900 membru. Irrid nifraħ lil dawn il-membri ġodda kif ukoll lill-40 membru ieħor ġdid li ngħaqdu mas-Soċjetà fix-xahar ta' Jannar 2006.

Għalhekk infakkar lil dawk il-membri li għadhom ma' ħallsux il-menswalità tagħhom kif ukoll jekk hemm min irid jinkiteb għall-ewwel darba, sabiex javviċinaw lill-membri tal-Kumitat.



# Sotto Kumitat Armar - *Joey Darmanin*

Kif aħna ħbieb? Sena spiċċat u oħra bdiet. Żgur għandna l-isbaħ memorji tas-sena taċ-Ċentinarju. X'ħin tħares lura u toqgħod taħseb x'sar żgur tgħid li s-sena li għaddiet kienet miraklu kontinwu. Iżda ż-żmien jgħaddi u s-sena ġdida bidet. Aħna ta' l-armar bqajna għaddejjin bix-xogħol, biex f'Settembru nkomplu nkabbru l-festa kif imiss. Din is-sena qed nikkonċentraw aktar fuq finanzi. Dawn jgħinuna biex nidħlu għal aktar proġetti kbar, sew ġodda u anke ta' manutenzjoni. Għalhekk nitolbukom biex tiġu għall-attivitajiet, għinuna finanzjarjament ħalli nagħmlu ħolm realtà.

- ***Qed ikompli xogħol ta' manutenzjoni u żebgħa fuq l-armar ta' Triq Pietru Pawl Saydon.***
- ***Qed isir xogħol ta' manutenzjoni u tisbiħ fuq il-planċier artistiku.***
- ***Infakkrukom li din is-sena se jagħlaq 50 sena minn mindu żżanżan.***
- ***Qed ikompli wkoll xi xogħol ieħor neċessarju fil-maħżen.***

  ***Infakkru wkoll li qed tinħadem il-liedna ġewwa l-maħżen il-ġdid u nħeġġu lil kulħadd biex jattendi għall-maratona tal-liedna organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ.***
- ***Qed naħdmu wkoll fuq proġetti ġodda ta' l-armar li fil-viċin nagħtu aktar informazzjoni.***
- ***Qed isir ukoll manutenzjoni u bdil ta' fistuni ta' diversi toroq.***
- ***Qed inkomplu nsegwu x-xogħol ukoll fuq l-istatwi tal-pedestall il-ġdid. Qed nagħmlu ħilitna kollha biex dawn ikunu lesti ferm qabel il-festa.***

Biex niffinanzjaw dan ix-xogħol irridu flus kbar. B'hekk qed nippruvaw intellgħu ħafna attivitajiet, fosthom:

1. ***Bazaar – mid-29 ta' Marzu sat-2 t'April – ġewwa l-maħżen għal żmien il-Għid. Ser ikollna fost oħrajn affarijiet ta' l-ikel u ħelu b'offerti tajbin u anke DETERGENTS b'offerti grandjużi. Għalhekk ejjew u ixtru.***
2. ***Wara s-suċċess li kellna nhar il-Milied filgħodu bl-EARLY BREAKFAST iddeċidejna nippruvaw ieħor nhar is-Sibt 15 t'April wara l-quddiesa ta' Sibt il-Għid.***
3. ***Se nibdew noħorġu dalwaqt b'lotterija inkwadru tat-titular ta' Santa Katarina ta' Mattia Preti fuq it-tila, ritratt tassew sabiħ.***
4. ***Ser isir ukoll ktieb ta' informazzjoni, riċerka u ritratti tal-50 sena tal-ġawhra li għandna – IL-PLANĊIER. Il-ktieb ser ikun għall-bejgħ dalwaqt. Kun kburi int ukoll ikollok kopja ta' dan il-ktejjeb.***
5. ***Qed tkompli wkoll f'xi nhawi tar-raħal il-ġabra tal-maħżen.***
6. ***Hemm ħsieb ukoll issir SAFRA fis-Sajf. Għalhekk aħsbu minn issa.***

Għandna ħafna aktar affarijiet li għadhom qed jiġu diskussi. Għalhekk oqogħdu attenti għall-avviżi jew posters li nwaħħlu jew nibagħtu ġo djarkom. Ftakru li l-iskop tagħna hu li ntukom servizz u divertiment biex bil-flus li intom tikkontribwixxu nkomplu nkabbru l-uniku veru festa; għax kompluta minn kollox, dik iddedikata lill-Patruna ta' raħalna Santa Katarina. Viva Santa Katarina V.M.







***Ftit mill-ikel li kien hemm għall-Buffet Early Breakfast***

# Santa Katarina fil-Letteratura u fil-Mużika

Wara diversi artikli dwar il-qima u l-imħabba tagħna l-Maltin lejn Santa Katarina ta' Lixandra, fejn rajna kemm hu mifrux il-kult tal-qaddisa f'pajjiżna u kemm intagħżnet sewwa fil-ħajja soċjali ta' ġensna, imiss issa naraw lill-qaddisa patruna tagħna fil-qasam tal-letteratura u tal-mużika. Fl-aħħar ħarġa tkellimna fuq l-Oratorju Santa Katarina ta' Lixandra li ġie kompost apposta għall-Festi Ċentinarji Katarinjani u li ndaqq b'tant ħila u ħlewwa mill-Banda Santa Katarina fil-knisja ta' raħalna. Illum se nitkellmu dwar kompożizzjoni oħra – l-Antifona Prudens et Vigilans, xogħol il-bravu surmast tal-banda tagħna Mro.Francis Falzon. Għall-benefiċċju ta' kulħadd fi tmiem l-artiklu se nġibu l-antifona bil-Latin u bil-Malti, sew biex nifhmu b'liem kliem ta' tifħir tinqiem Santa Katarina, u sew biex nifhmu kif qasamha s-surmast u sawwarha mużikalment. Wara l-antifona wieħed isib it-talba bil-Latin u bil-Malti li s-saċerdot jgħid fil-knisja hekk kif tintemm l-antifona.

## PRUDENS ET VIGILANS – MRO. FRANCIS FALZON



Id-daqq ta' l-antifoni fil-knejjes tagħna għandu storja twila u din kienet din il-forma mużikali li kienet l-aktar popolari u mfittxija mid-dilettanti tal-mużika sagra fil-festi Maltin. Il-maestri di cappella li kienu jmexxu l-mużika fil-knejjes tagħna, bħal Malfeggiani, Nani, Bugeja, Diacono u Camilleri, kollha ħallew wirt sħiħ ta' mużika sagra, fosthom għadd ta' antifoni. Fis-sena taċ-ċentinarju, waqt l-Akkademja Mużiko-Letterarja, kellna x-xorti li nisimgħu tliet antifoni ddedikati lil Santa Katarina, waħda ta' malfeggiani, oħra ta' Nani, kif ukoll antifona ta' Spiteri-Fremond. Ta' kull sena, fil-jiem tal-festa jindaqqu tliet antifoni differenti fil-parroċċa tagħna; waħda ta' Ġużeppi Camilleri, oħra ta' missieru Ferdinandu li tradizzjonalment tindaqq fl-aħħar tridu (magħrufa bħala 'tas-sinjuri'), u dik ta' Dun Mikiel D'Amato.

Għall-okkażjoni taċ-Ċentinarju, il-Banda Santa Katarina żanżnet antifona ġdida 'Prudens et Vigilans', kompożizzjoni ta' Francis Falzon, miktuba għall-Kor S.A.T.B., soprano u tenur soli akkumpanjati mill-banda. L-introduzzjoni strumentali hija bbażata fuq l-ewwel mottiv li jkanta l-kor. Wara d-daħla tal-kor, is-soprani u l-alti jkantaw il-kliem 'qualis es cum sponso' meta mbagħad jidħlu t-tenuri u l-baxxi b'erbgħa battuti ta' noti kromatiċi fuq il-kliem 'qui te elegit de mundo'. Fl-ittra C tkompli l-banda waħidha u l-kor jirrispondi bil-kliem 'quam pulchra' u 'mirabilis'. Fid-D il-kor kollu jkanta 'quam pulchra mirabilis, quanta luce spectabilis' u hekk tagħlaq l-ewwel parti ta' l-antifona. Fl-ittra F, immarkata Meno Mosso, jidħol it-tenur solo bi frażi ta' tmien battuti u l-kor jidħol bil-kliem 'et Jerusalem filias'. Fl-H tidħol is-sopran solo bl-istess melodija li jkun kanta t-tenur, u dan jirrispondi battuta wara u jipproduċi l-istess ritmu li tkun għamlet is-sopran. Il-kor jerġa' jkanta 'Jerusalem filias' u wara żewġ battuti fuq il-banda, fl-ittra I ikompli l-kor b' 'thalamus eċċ', fuq l-istess melodija ta' l-ewwel parti ta' l-antifona. Fuq il-kliem 'conjuncta dei Filio' it-tenuri u l-baxxi jirrispondu lis-soprani u l-alti sakemm jilħqu t-tmiem majestuż.

***Prudens, et vigilans Virgo Catharina, qualis es cum sponso, qui te elegit de mundo! Quam pulchra, quam mirabilis, quanta luce spectabilis, inter Sion Juvenculas, et Jerusalem Filias! Thalamo gaudes regio, conjuncta Dei Filio.***

***Oremus: Omnipotens Sempiterne Deus, qui populo tuo beatam Catharinam virginem Et invictam martyrem Praestitisti, concede, ut, eius intecessione, fide et constantia roboremur, et pro Ecclesiae unitate operam tribuamus impense. Per Dominum.***

***O Verġni Katarina, għaqlija u attenta, kemm tixbaħ lill-Għarus tiegħek illi għażlek mid-dinja! Kemm int sabiħa, kemm int ta' l-għaġeb, kemm jiddi dawlek fost ix-xebbiet ta' Sijon u l-bniet ta' Ġerusalemm! Ifraħ ġewwa l-għamara tas-sultan, O għarusa ta' l-Iben t'Alla!***

***Nitolbu: O Alla ta' dejjem li tista' kollox, li tajt lill-poplu tiegħek lil Santa Katarina Verġni u Martri Rebbieħa Agħtina li bl-interċessjoni tagħha, Nissaħħu fil-fidi u naħdmu bl-akbar ħerqa għall-għaqda tal-Knisja. B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna li miegħek jgħix u jsaltan flimkien ma' l-Ispirtu s-Santu, Alla wieħed għal dejjem ta' dejjem, Amen.***

Design & Printing: Tel: 21250994/3